MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 206/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kenneth Dimech**
**Simon Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kenneth Dimech u Simon Saliba talli fid-9 ta' Marzu 2003, gewwa Hal-Far l/0 Birzebbugia, ghall-habta tat-8.30 a.m. u d-9.00 a.m., waqt li kienu fuq xogholhom jaghmlu xi xoghol fil-fabbrika Arrow Phara Ltd., limiti ta' Hal-Far, Birzebbugia, minn gewwa l-istess fond ikkommettew serq ta' diversi oggetti ghad-dannu tad-dirigenti tal-fabbrika Arrow PHarma Ltd. ta' Hal-Far, liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont, bil-persuna u bil-post;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Kenneth Dimech u Simon Saliba hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u, wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 269 u 281 tal-Kap. 9, ikkundannathom sena habs [*recte:* prigunerija] sospiza ghal sentejn a tenur ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Kenneth Dimech ipprezentat fil-5 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u tilliberah;
Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Simon Saliba pprezentat ukoll fil-5 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilliberah minn kull htija jew piena, u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija, tirriforma s-sentenza appellata billi tapplika piena inferjuri minn dik erogata u li tkun tirrifletti c-cirkostanzi attwali tal-kaz ta’ l-appellant;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Kenneth Dimech huwa bazikament fis-sens li l-ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi. Jghid illi l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa bazat fuq ix-xiehda ta’ Anthony White, *security guard* li kien jahdem fil-post mnejn sehh l-allegat serq. Isostni illi hemm neqsin kemm l-*actus reus* peress illi dak li allegatament gie nieqes ma nstabx fil-pussess tieghu, kif ukoll il-*mens rea* peress illi l-appellant u l-ko-imputat l-iehor “kienu qeghdin jahdmu hemm hekk [u] huwa possibbli li, dejjem jekk verament sehh kif qed jigi allegat minn Anthony White u mill-prosekuzzjoni, tali manuvrar setghu kienu konnessi ma’ xogholhom u mhux necessarjament l-intenzjoni li jisirqu.” Jekk verament sehh xi reat, dan semmai kellu jkun dak ta’ mizappropriazzjoni u mhux ta’ serq. L-appellant innota wkoll li r-rapport lill-Pulizija sar jumejn wara l-allegat akkadut u ghalhekk ma

jistax jigi eskluz li jekk naqas xi haga dan kien f'dawk il-jumejn u minn persuni ohra. Barra minn hekk gie ammess li fil-fabbrika ma kinux jghoddu kuljum in-numru ta' vinyl rolls li kellhom.

L-aggravju ta' l-appellant Simon Saliba huwa wkoll fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-ligi u jghid illi mill-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Jghid illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova la fuq bazi ta' probabilita` u wisq anqas il hinn minn kull dubju dettat mirr-agni l-involviment tieghu fil-garr tal-vinyl roll in kwistjoni. Josserva li Anthony White kkontradica lilu nnifsu peress illi l-ewwel jghid illi kien il-ko-imputat Dimech li garr ir-roll imbaghad li kienu t-tnejn qeghdin igorruh. Inoltre l-vinyl roll qatt ma nstab u ma sarx ness bejn ir-roll li allegatament insteraq u dak li tghabba. Jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, dan l-appellant ippartecipa fil-garr tar-roll, hemm fi kwalunkwe kaz nieqes l-element ta' *mens rea*. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatti rizultanti ma jistghux iwasslu ghall-elementi tar-reat ta' serq izda, semmai,ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita peress illi l-vinyl rolls kienu fdati f'idejhom. Ghalhekk, isostni, imissu gie liberat minn kull imputazzjoni u htija. Fl-ahharnett, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena kienet esagerata.

Issa, in materja ta' apprezzament ta' provi, gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-

konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** imbaghad naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tas-sentenza appellata jidher illi l-ewwel Qorti strahet principalment fuq ix-xiehda ta’ Anthony White u qalet li ma kellha “ebda dubju ta’ dak li ra u lil min gharaf White”. Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni ta’ htija li waslet ghaliha.

Mill-provi jirrizulta illi l-appellanti kienu impjegati tas-socjeta` Mark Schembri & Associates Ltd. u kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta’ tqeghid ta’ vinyl fil-fabbrika Europharma. Il-Hadd 9 ta’ Marzu 2003 dahlu jaghmlu

*overtime* filghodu. Anthony White kien is-*security officer* u xehed li hin minnhom lemah lill-appellanti jghabbu vinyl roll fuq il-van bin-numru MSA-003. L-appellanti jippruvaw jitfghu dubju fuq dak li seta' ra l-imsemmi Anthony White billi jirreferu ghad-distanza li kien minn fejn kienu l-appellanti. Izda dak li nsew huwa li Anthony White kien jafhom peress illi kien rahom drabi ohra u dak inhar stess kien diga` kellimhom. Barra minn hekk huwa difficli li persuna ma tiddistingwix vinyl roll minn xi haga ohra, ez. laned tal-kolla, fid-distanza msemmija. L-appellanti jsostnu wkoll illi kkontradica lilu nnifsu billi l-ewwel qal li ra lill-appellant Dimech hiereg bir-roll imbaghad li kienu qeghdin igorruh iz-zewg appellanti. Din hija kontradizzjoni apparenti peress illi fit-traskrizzjoni tax-xiehda fejn isemmi li ra lill-appellant Dimech, insibu traskritt hekk: *"And then later on in the morning I noticed Mr. Dimech come out first carrying a roll of vinyl material and put it into the van. They went back in."* Jigifieri anke hawn qieghed jghid li kienu flimkien.

Din il-Qorti ezaminat ukoll il-*log-book* b'referenza ghad-data tad-9 ta' Marzu 2003 u hemm insibu miktub *a tempo vergine* minn Anthony White dak kollu li osserva dak inhar. Barra minn hekk tajjeb illi jigi sottolineat illi Mark Schembri xehed illi huwa ma kienx qieghed jipprovdi vinyl lill-fabbrika u li kienet il-fabbrika stess illi kienet tissupplixxi hija stess il-vinyl.

Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tikkonkludi billi taccetta dak li xehed Anthony White. U l-fatt imbaghad li minn tfittxija li ghamlet il-Pulizija ma nstabx il-vinyl ma jbiddel xejn minn din il-konkluzjoni. In-nuqqas ta' sejbien ta' l-oggett li jkun ittiehed illegalment ma jfissirx illi ma giex ippruvat l-*actus reus*!

Nigu issa ghall-kwistjoni jekk bl-agir taghhom l-appellanti rrendewx ruhhom hatja ta' serq jew ta' approprjazzjoni indebita kif qed jissuggerixxu l-appellanti. Din il-Qorti ma taqbilx ma l-appellanti. Il-vinyl rolls ma kinux gew "ikkunsinnati jew fdati" lill-appellanti. Dawn il-vinyl rolls gew importati mill-Europharma ghall-uzu fl-istess fabbrika.

Baqghu fil-pussess tal-Europharma u kull ma kienu qeghdin jaghmlu l-appellanti kien illi meta jmorru x-xoghol, jiehdu maghhom "il-kolla u strippi" (ara xiehda ta' Mark Schembri), isibu hemm il-vinyl rolls u jwahhluhom. Ghalhekk f'dan il-kaz jikkonfigura r-reat ta' serq.

Kwantu ghall-piena, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2]. Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u inoltre l-ewwel Qorti ghogobha tissospendi l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza. Ghalhekk m'hemmx lok li l-piena tigi varjata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appelli u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan illi l-perijodu ta' sentejn jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellanti ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` taghhom taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huma jikkommettu matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.